

# *Oratorio – San Paolo Evangelizza i Maltesi* 'San Pawl Iħabbar il-Vanġelu lill-Maltin'

kompożizzjoni ta' Mro Carlo Diacono u lirika tal-Prof. Mons. Giovanni Formosa

*kitba ta' Sunny Aquilina*

Bħala waħda miċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Pawlina 2008–2009, fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju 2009 sar l-*Oratorio 'San Paolo Evangelizza i Maltesi*', kompożizzjoni ta' Mro Carlo Diacono u lirika tal-Prof. Mons. Giovanni Formosa li kien Bormliż. Hadu sehem Rosabelle Bianchi (sopran), Connie Frances Zerafa (kontralt), Joseph Aquilina (tenur), Alfred Camilleri (baritonu) u Anthony Montebello (baxx) flimkien mal-Kor Mirabitur imexxi minn Simone Attard. Esegwiet dan l-Oratorio l-Orkestra Filarmonika Maltija (leader Marcelline Agius) taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea. Kienet l-ewwel darba li dan l-Oratorio sar sħiħ, għalkemm fl-1960, iben il-kompożitur Carlo Diacono, Frank Diacono kien idderieġa partijiet minnu fl-Istitu Kattoliku fl-okkażjoni tad-dsatax-il ċentinarju min-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Din is-sena kellna x-xorti li smajna dan ix-xogħol komplet u l-esekuzzjoni kienet tajba ħafna.

## Mro Carlo Diacono (1876–1942) – Kompożitur

Carlo Diacono twieled iż-Żejtun nhar l-1 ta' April 1876 f'ambjent mużikali u reliġjuż. Minn ċkunitu kien miġbud lejn il-mużika reliġjuża u wera talent eċċezzjonali. Taħt missieru Orazio, tgħallem idoqq tajjeb il-klarinett, il-pjanu u l-orgni. Kien ukoll student ta' Mro Paolino Vassallo (1856–1923) Surmast Bormliż li kien studja fi Franza taħt Jules Massenet. Minn Vassallo, Diacono kiseb l-eleganza li wara dehret f'xogħlijiet bħall-*Preghiera alla Beata Vergine Maria, Il Cantico di Frate Sole, Laudate Pueri* u *Messa di Gloria in E Flat*. Fl-1899 sar organista tal-Parroċċa taż-Żejtun u meta l-Papa Piju X ried li l-mużika fil-knejjes tkun bil-*motu proprio* Diacono mexa mar-regolamenti. Huwa nħatar *maestro di*



*Carlo Diacono*

*cappella* ta' diversi knejjes parrokkjali, tal-Kolleġġjata ta' Bormla u tal-Katidral. Hu kellu l-orkestra u l-kantanti tiegħu u f'Bormla għadna nisimgħu l-quddiesa u mużika oħra tiegħu fosthom il-famuża antifona tal-Kunċizzjoni fil-festa tal-Kunċizzjoni. Carlo Diacono kien ukoll Surmast tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla u fl-1912 ikkompona l-Innu l-Kbir *Lill-Kunċizzjoni*. Għalhekk il-Bormliżi huma familjari sew mal-mużika melodjuża ta' Carlo Diacono. Huwa kkompona l-*Oratorio 'San Paolo Evangelizza i Maltese'* għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913. Kellu jsir fit-Teatru Rjal imma kien baqa' ma sarx. Meta smajtna l-*Oratorio* rajna li huwa xogħol ieħor kbir ta' dan il-kompożitur magħruf.[1]

## Il-Prof. Mons. Giovanni Formosa (1869–1941) – Awtur

L-awtur li kiteb il-lirika ta' dan l-*Oratorio,* twieled Bormla nhar it-22 ta' Marzu, 1869 iben Salvatore Formosa u martu Francesca née Barbara. Tgħammed l-għada mill-Kan. Dr Joseph Mercieca u ngħata l-ismijiet ta' Giovanni, Giuseppe u Francesco. Il-parrini tiegħu kienu Paul Barbara u martu Maria minn Ħal Qormi. Kellu tliet ħutu Michele, Giuseppe u Anna Maria miżżewġa Baldacchino li kien tant iħobb u fuqhom kiteb: *Miei cari genitori, miei diletti fratelli, mia dolce sorella ... vi tengo sempre presenti nella mia mente, scolpiti nel mio cuore.* Trabba Bormla fejn għadda tfulitu u żgħożitu. Kien joqgħod fi strada Toro u wara fi Stada Marina. Imma għall-ħabta tal-1911 mar joqgħod il-Belt Valletta u fis-Sajf kien iħobb imur Biżebbuġa.[2]


*Mons. Prof. Giovanni Formosa*

Ħabb l-istudju u dejjem kien minn ta' quddiem hekk li mhux l-ewwel darba rebaħ premjijiet fl-eżamijiet. Kiseb il-Baċellerat tal-Arti, il-grad akkademiku *Doctor Divinitatis (DD)* u *Juris Utriusque Doctor (JUD)* mill-Università ta' Malta u kompla l-istudju tiegħu ġewwa Ruma.[3] Giovanni Formosa ħa l-ordni sagri fil-Kon Katidral ta' San Ġwann nhar is-Sibt 23 ta' Diċembru 1893, minn idejn l-Isqof Pietro Pace u ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fil-parroċċa kolleġġjata u Santwarju tal-Kunċizzjoni Immakulata f'Bormla.[4]


*Il-familja Formosa Mons. Giovanni Formosa, meta kien għadu seminarista, jidher bilwieqfa, it-tieni wieħed mil-lemin.*

Iddistingwa ruħu fil-Liġi Kanonika u Ċivili u għalkemm kien bniedem kolt u letterat, Latinista u paneġerist magħruf kien ta' karattru twajjeb u ċajtier. Huwa kien professur tat-teoloġija fl-Università u kittieb li ppubblika poeżiji, proża, konferenzi kif ukoll studji teoloġiċi. Mons. Formosa kien jikteb bil-Latin, bit-Taljan, bil-Franċiż u bil-Malti. Fl-1890 kiteb sunnett sabiħ fix-xahar ta' Ottubru għall-Festa tal-Madonna tar-Rużarju li

l-Fratellanza tagħha kienet tiċċelebra fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Kiteb għadd ta' xogħlijiet fuq il-Madonna kif ukoll fuq San Pawl u l-miġja ta' San Pawl f'Malta. Fost il-kitbiet tiegħu nsibu *Publius* bil-latin (1925), *Gli Splendori della Carita Divina nel providenziale naufragio di San Paolo Apostolo in Malta* (1939), *Melitæ Insulæ Adventum Sancti Pauli Apostoli Celebranti* u innu li hu bla data.



*Mons. Giovanni Formosa, (l-ewwel wieħed quddiem) fid-dar tiegħu tas-sajf f'Birżebbuġa.*

## Il-Kitba tal-Oratorio

Kif diġà nafu dan l-*Oratorio* oriġinarjament inkiteb għall-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internzzjonali u l-awtur Mons. G. Formosa għażel li jorbot dan l-avveniment man-nawfraġju u l-miġja tal-Appostlu San Pawl f'Malta madwar is-sena 60 wara Kristu. San Pawl evanġelizza lill-Maltin, ġabilna l-bxara t-tajba, id-dawl! Ta' min jgħid li fil-Kungress Ewkaristiku ta' Malta għadd ta' posters u kartolini kienu juru lil San Pawl jiċċelebra l-Ewkaristija f'Malta għalhekk mhix ħaġa kbira li ġie magħżul dan is-suġġett. Wara kollox in-nawfraġju u l-miġja ta' San Pawl hija l-akbar paġna ta' Malta Kristjana li nsibuha minquxa fl-Atti tal-Appostli bl-akbar dettalji tan-nawfraġju.

L-*Oratorio* li huwa bil-Latin fih tliet Atti. L-ewwel wieħed l-awtur jintroduċih hekk: '*Malta nieqsa mill-fidi tilqa' fl-għarqa tiegħu lill-Appostlu tal-ġnus u ddur biex tagħraf lil Alla veru.*' F'dan l-att jew taqsima għandna t-tempesta u l-ħelsien mill-għarqa, lil Pawlu f'Malta u l-mirakli li wettaq, fosthom tal-lifgħa u l-fejqan tal-morda u jkompli kif missirijietna aċċettaw it-tagħlim ġdid Kristjan. Naraw dan b'siltiet mill-*Oratorio* b'lirika ta' Mons. G. Formosa.

'*Id-dawl tal-fidi jibda jiddi fuq Malta.*

*Il-Providenza Divina tmexxi lill-Appostlu tal-ġnus biex isir l-Appostlu ta' Malta, u l-għan jintlaħaq billi kollox inħakem b'qawwa u bi ħlewwa.*'

... '*Issa titqanqal maltempata qalila.*'

Pawlu kellu viżjoni. '*Dehrlu anġlu li fost l-oħrajn serraħlu rasu li hu kien se jkun meħlus.*' U Pawlu jgħid lill-oħrajn, '*Li ħadd minnhom ma kien se jintilef, anzi assigurahom li kellhom jirfsu fuq ċerta gżira ... il-baħħara għarfu li l-gżira kienet Malta ... u Pawlu flimkien man-nies tiegħu jagħti ħajr lil Alla.*' U jkompli billi jsemmi lill-Maltin, '*In-nies tal-post urewna tjieba liema bħalha. Qabbdu ħuġġieġa u saħħnuna lkoll.*' U jsemmi l-miraklu tal-lifgħa u wara, '*Il-Maltin ... jagħżlu li jisimgħu x'kellu xi jgħidilhom*' Pawlu. '*L-ewwel wieħed li jdur biex jagħraf lil Alla l-veru huwa Publiju.*' U l-Malti jibda fid-dawl il-ġdid Kristjan, '*Dur, ruħ tiegħi, għall-mistrieħ tiegħek għaliex Alla għamillek il-ġid għaliex ħeles lil ruħi mill-mewt.*' ... Irodd ħajr, '*Xi nrodd lill-Mulej għal dak kollu li għamel miegħi! Inrodd il-wegħdiet tiegħu quddiem il-poplu tiegħek kollu.*' U jtemm l-Att b'għanja tal-ferħ tal-Maltin li biddlu ħajjithom.

Fit-tieni taqsima nsibu kif il-fidi tissaħħaħ l-aktar bit-tagħlim u l-Ewkaristija. Ma ninsewx li kien Kungress Ewkaristiku! Din it-taqsima tiftaħ b'versi ta' tifħir lil Alla.

'*Ejjew ħa nfaħħru bl-hena lill-Mulej, ngħajtu bil-ferħ lil Alla s-salvatur tagħna.*

*Ejjew nersqu quddiemu nistqarruh u ngħannulu b'għajjat ta' ferħ. Lil Alla li sejħilna mid-dlam għad-dawl tiegħu u tal-għaġeb, ejjew nadurawh.'* F'niesna tidħol it-tama b'dan it-twemmin ġdid, *'Ara, il-Mulej huwa l-ħelsien tiegħi, nimxi bit-tama u ma nibżax ... għaliex il-qawwa u t-tifħir tiegħi huwa l-Mulej, li sar il-ħelsien tiegħi. Stqarru lill-Mulej u sejħu ismu. Kantaw lill-Mulej għaliex għamel ħwejjeġ kbar, ħabbru dan fl-art kollha.'*

U Ġensna sab direzzjoni f'dawl ġdid u jitlob, *'Hallieq ta' kollox, ejja, O Spirtu żur lil ruħna, bil-grazzja tiegħek fawwar il-qlub maħluqa minnek. Mexxina fid-dawl tiegħek, bi mħabbtek imla lil qlubna, bil-qawwa tiegħek wettaq il-ġisem dgħajjef tagħna.'* U jkompli bit-twaqqif tal-Ewkaristija. *'Hienja huma dawk li jgħammru f'darek, Mulej, ifaħħruk għal dejjem ta' dejjem...'*

*'Ikun imbierek isem il-Mulej*
*Minn issa u għal dejjem*
*Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha*
*Ikun imfaħħar isem il-Mulej.'*

It-tielet taqsima hija radd il-ħajr għall-fidi nisranija. Dan deher fl-imġiba tal-Maltin u fil-ġieħ li jagħtu lil Alla u lil Pawlu sat-tluq tiegħu mill-gżejjer tagħna. '*Waqt li troddu ħajr ersqu lejn Missierkom għaliex minħabba fih il-Mulej takom il-ħajja.'*

*'Meħlusin mill-Mulej minn perikli kbar inroddu ħajr lilu u lilek li inti l-ferħ tagħna u l-kuruna tagħna, int li permezz tal-Vanġelu nissiltna f'Ġesù Kristu.'* Jgħid ukoll x'għamlu l-Maltin. *'Għanewna b'ħafna unuri, u meta konna se nbaħħru għabbewna b'kull ma konna neħtieġu.'* Għandna wkoll kliem lil missirijietna biex ikomplu. *'Dak li smajtu u rajtu agħmluh, u l-Mulej tas-sliem ikun magħkom.'*

Fl-Innu tal-aħħar l-awtur isejjaħ lil Pawlu '*Għodda maħtura, Mgħallem qaddis tal-Ġnus'* u jagħlaq l-*Oratorio* b'dawn il-versi:

'*Appostlu San Pawl,*
*Xandar tas-sewwa*
*Mgħallem tal-Ġnus, idħol għalina*
*Quddiem Alla li għażlek. Hallelujah.'*

Referenzi

Maghmudija Kolleġġjata u Parroċċa Kunċizzjoni, Bormla Reg. XVII p. 322.

[1] Mill-ktejjeb li tqassam meta sar l-Oratorju fil-Kon Katidral ta' San Ġwann.

[2] Galea Michael: artiklu 'Mons. Giovanni Formosa (1869-1941)' fil-'Leħen is-Sewwa' 3.1.1998 p. 12.

[3] R. Mifsud Bonnici: 'Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku, 1962, p. 215

[4] Kurja Veskovili, Reg. Ordinandorum.

**Inqaddsu l-jiem tal-Festa billi nattendu għall-Funzjonijiet Reliġjużi u nersqu lejn is-Sagramenti**